IL-BIRGU

Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

## Minuti tal-Laqgha 42 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghall-Laqgha Numru 42(06) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar id-dsatax (19) ta' Novembru 2014 fl-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (4.30pm)

It Tnejn u Erbghin Laqgha tas-Sitt Kunsill inzammet b'din l-Agenda :

1. Qari u Approvazzjoni tal-minuti
2. Korrispondenza
3. Sejha ghall-Innu ta' Jum il-Birgu 2015
4. Tigdid tal-kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv wara l-perjodu tal-*probation*
5. Approvazzjoni tal-Performance Bonus u l-Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2014
6. Hatra ta' Kumitat ghac-Celebrazzjonijiet ta' Jum il-Birgu 2015
7. Progett tal-Bandli
8. Taghrif dwar ix-xoghlijiet fil-kantina tal-Berga ta' Franza
9. Progett ta' *Active Ageing Centre* u *Learning Hub* ghall-anzjani fil-Berga ta' l-Ingilterra

## Prezenti

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, Kunsilliera; Is-Sur Lawrence Attard, is-Sur Alan Cassar u s-Sur Anton Gellel
Is-Segretarju Ezekuttiv; Is-Sinjura Fiona Said

Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi attenda ghall-laqgha fil-5.25pm
Il-Kunsillier s-Sur Alan Cassar talab li jkun skuzat fil-5.30pm

Talba

Il-Laqgha bdiet fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar. Is-Sindku qal it-talba u taha bidu ghall-Laqgha numru 42(06).

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Is-Sindku, is-Sur John Boxall beda billi rrefera ghall-materja numru 1.1.3 dwar il-progett fil-Berga tal-Ingilterra. Is-Sindku s-Sur John Boxall wera xewqa li dan il-progett jitlesta sa qabel tispicca din il-legislatura. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li x-xoghol preliminarju beda jsir u bdew jingabru xi kwotazzjonijiet biex isiru x-xoghlijiet mehtiega.

1.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall irrefera ghall-materja numru 1.1.5 fejn ippropona li tizdied ".....il-post tal-librerija m'ghadux fic-centru tal-lokal". Ghandha issir ricerka biex biex naraw ghalfejn in-nies naqsu mill-attendenza taghhom fil-Librerija f' Couvre Porte. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li l-Librerija tibda tiftah jumejn fil-gimgha mis-2:00pm sa 7:00pm u dan sabiex niffacilitaw ahjar, biex aktar nies wara l-hin tax-xoghol ikunu jistghu imorru l-librerija. Is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa li ssir laqgha mal-librar sabiex jigu diskussi dawn il-hinijiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall tkellem dwar materja numru 1.2.2, dwar il-filming li qed isir fil-Berga ta' Franza minn kumpanija ta' produzzjoni lokali fejn qal li qed ikun hemm diversi nuqqasijiet u anki hsarat fi propjeta tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Alan Cassar ippropona li jsir forma ta' ftehim ma dawn il-kumpaniji sabiex f' kaz ta' hsarat u nuqqasijiet bhal dawn il-Kunsill ikun dejjem kopert. Dwar dan il-Kunsill qabel.

1.4 Rigward materja numru 4.5 is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li l-konferenza tad-DECIDE ser jattendi flimkien mal-iskrivana s-Sinjura Moira Azzopardi.

**F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi (fil-5.25pm)**

1.5 Is-Sindku is-Sur John Boxall tkellem dwar materja numru 2.6 fejn informa lill-Kunsill li meta saret il-laqgha, kien ikkonferma li l-wirja ma kinitx ta' mudelli zghar ta' ajruplani izda *simulation* ta' ajruplani differenti.

**F'dan l-istadju tal-laqgha il-Kunsillier is-Sur Alan Cassar talab li jkun skuzat u dan minhabba raguniiet ta' xoghol. (fil-5.30pm)**

1.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall tkellem dwar materja numru 2.7 fejn qal li hareg bl-idea li ghaz-zminijiet tal-Milied isir kalendarju bir-ritratti tal-Birgu u jitqassam f'kull residenza flimkien mad-DVD li ntwera f'Jum il-Birgu 2014 'Birgu – The People The Journey'u tintalab donazzjoni li din tmur ghall-Community Chest Fund u b'hekk nkunu qeghdin nippartecipaw f'inizzjattiva tal-President ta' Malta sabiex jingabru dawn id-donazzjonijiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa li fir-riceviment tal-10 ta' Dicembru organizzat mill-kazin tal-Partit Nazzjonalista li ser isir fis-sede tal-Kunsill Lokali Birgu wara qbil unanimu mill-istess Kunsill, il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tinghata plakka kommemorattiva bhala tifkira.

1.8 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti Numru 40(06). Il-Kunsill approva unanimament.

1.9 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ukoll ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-Laqgha Numru 41 (06) fejn dawn gew ikkunsidrati bhala moqrija. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti tal-41 Laqgha tas-Sitt Kunsill.

2. <u>Korrispondenza</u>

2.1 Is-Sindku, is-Sur John Boxall ipprezenta fuq il-mejda korrispondenza relatata mal-UIF Funds fejn informa lill-Kunsill li dawn il-fondi issa telghu ghall-€16,655.53. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li b'dawn il-fondi jista jsir parti mill-bandli. Huwa ssugerixxa ukoll li jista' jsir il-progett tal-open air gym kif ukoll jista jsir il-progett tad-dawl tat-toroq fejn jinbidlu u jsiru LEDs. Is-Sindku ippropona li din il-materja tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss fejn jekk hemm xi suggerimenti ohra jistghu jitressqu u tittiehed decizjoni dwar l-uzu ta' dawn il-fondi.

2.2 Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li kienet intbaghtet l-ittra lill-Onorevoli Dr Owen Bonnici, Ministru ghall-Gustizzja u Gvern Lokali sabiex jekk hu possibli tinghata ghajnuna finanzjarja sabiex issir il-lettrina pubblika fil-Binja tal-Kunsill.

2.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li kienet intbaghtet l-applikazzjoni ghall-iskema ta' fondi ghall-attivitajiet tal-Birgufest 2015 lis-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina mid-Dipartiment .

2.4 Is-Sindku, is-Sur John Boxall ressaq korripondenza minghand The Historic Motorcycle Club fejn talbu lill-Kunsill sabiex fl-attivita ta' l-International Classis Motorcycle Rally li ser issir f' April tal-2015 jieqfu il-Birgu u l-Kunsill Lokali gentilment joffri bibita zghira lil dawk li jkun qed jiehdu sehem f'dan ir-Rally. Dwar dan il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezjoni.

2.5 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li kienet intbaghtet l-ittra lill-Onorevoli Joe Mizzi, Ministru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, dwar stedina ghall-Konferenza Stampa li ser issir dwar il-progett tal-Bini tat-Torri tal-Arlogg. Dan il-progett ser ikun iffinanzjat mill-Kumpanija Alfred Mizzi and Sons.

2.6 Is-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar il-progett LADDER fejn il-Kunsill ircieva risposta li dan l-progett kien gie approvat u l-Kunsill ser ikun qed jorganizza 30 attivita li ser jibdew mill-1 ta' Jannar 2015. Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li dan ser ikun progett kbir tal-ALDA li ser ikun qieghed jaghti kredibilita kbira lill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

2.7 Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera dwar il-korrispondenza li intbaghtet minghand il-Perit Norbert Gatt dwar Triq il-Foss, fejn gejna infurmati li din it-Triq mhux ser tkun parti mill-progett ta' pavimentar, il-Kunsill qabel li ghandha tkompli ssir pressjoni biex din it-triq issir ukoll u dwar dan qed isiru d-diskussjonijiet.

2.8 Is-Sindku is-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li ser jinxtraw 6 settijiet ta' kotba *Birgu – A Maritime City* mill-Bank Centrali ta' Malta u jistghu jingabru fil-jiem li gejjin.

3. <u>**Sejha ghall-Innu ta' Jum il-Birgu 2015**</u>

*Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li flimkien ma din il-materja tigi diskussa ukoll* ***Materja Numru 6 fl-Agenda-*** **Hatra ta' Kumitat ghall-Jum il-Birgu 2015.** *Dwar dan il-Kunsill approva.*

3.1 Rigward il-Hatra tal-Kumitat ghall-Jum il-Birgu 2015, is-Sindku s-Sur John Boxall staqsa lill-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi flimkien mal-Kunsillier is-Sur Alan Cassar jekk iridux ikunu membri f'dan il-Kumitat wara l-partecipazzjoni taghhom fil-Birgufest tas-sena li ghaddiet

filwaqt li issugerixxa li proposti dwar persuni ohra ghandhom jitressqu sal-Laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex jigi deciz dan il-Kumitat. Dwar dan il-Kunsill qabel.

3.2 IS-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li ser tkun qed tintbaghat applikazzjoni ghall-attivitajiet kulturali taht l-Iskema 'Skema ta' Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015' dwar ic-celebrazzjonijiet li l-istess Kunsill bi hsiebu jorganizza fl-okkazzjoni tal-450 sena tal-Assedju l-Kbir lis-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

**F'dan l-istadju tal-Laqgha, l-Kunsillier is-Sur Anton Gellel talab li jkun skuzat minhabba impenji ohra.**

**4. <u>Tigdid tal-kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv wara l-perjodu tal-*probation*</u>**

4.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjonital-Kunsill it-tigdid tal-Kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Fiona Said wara l-perjodu tal-probation.

4.2 IL-Kunsill approva unanimament it-tigdid tal-Kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv wara l-perjodu tal-probation

**5. <u>Approvazzjoni tal-Performance Bonus u l-Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2014</u>**

5.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li l-Appraisal ma lehaqx sar u ghaldaqstant din il-materja ghandha tigi diskussa fil-Laqgha li jmiss.

**6. <u>Hatra ta' Kumitat ghac-Celebrazzjonijiet ta' Jum il-Birgu 2015</u>**

*Din il-materja giet diskussa iktar kmieni fil-Laqgha*

**7. <u>Progett tal-Bandli</u>**

*Din il-materja giet diskussa iktar kmieni fil-Laqgha*

8. **Taghrif dwar ix-xoghlijiet fil-kantina tal-Berga ta' Franza**

8.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li ghaddej hafna xoghol sabiex jitlesta l-manutenzjoni f'partijiet tal-kantina tal-Berga ta' Franza fejn anki ghaddej ix-xoghol ukoll fuq il-latrini pubblici f'wahda mill-kmamar t'isfel tal-kantina. Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li qed jaghmel mill-ahjar li jista biex dawn il-manutenzjonijiet jitlestew sa Dicembru 2014.

9. **Progett ta' *Active Ageing Centre* u *Learning Hub* ghall-anzjani fil-Berga ta' l-Ingilterra**

9.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ghamel referenza ghal dak li intqal f'materja numru 1 approvazzjoni tal-minuti, u kompla billi qal li hekk kif jitlesta l-manutenzjoni fil-kantina tal-Berga ta' Franza, ser ikunu qed jinbdew ix-xoghlijiet fil-progett tal-Active Ageing Centre fil-Berga tal-Ingilterra.

Il-Laqgha giet fi tmiema fis-sebgha u nofs ta` filghaxija (7.30pm)

Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati
John Boxall
Sindku

AVEC

QUALICITIES.
DÉVELOPPEMENT DURABLE DES VILLES DE CULTURE